



# Niproteġu s-Saħħa fl-Ewropa: Il-Viżjoni Tagħna għall-Futur

Il-miri u l-istrateġiji tal-ECDC 2007-2013

Sorsi tar-ritratti

Ir-ritratti kollha © ECDC, ħlief:

Qoxra ta' quddiem © stockbyte; p.2: © CDC. B'ħajr lil Cynthia Goldsmith;  
Jacqueline Katz; Sherif R. Zaki

Paġna 4 © stockxpert.com

Paġna 5 © stockxpert.com

Paġna 6 © CDC

Paġna 8, fuq ix-xellug © US National Museum of Health and Medicine

Paġna 9 © CDC

Paġna 14, fuq il-lemin © istockphoto.com

Paġna 16, fuq ix-xellug © Photodisc

Paġna 16, fuq il-lemin © CDC. B'ħajr lil Dr Edwin P Ewing, Jr

© Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, 2009.

ISBN 978-92-9193-124-8

doi:10.2900/18535

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata, bil-kundizzjoni li jissema s-sors.  
Ir-ritratti kollha f'din il-pubblikazzjoni huma koperti mid-dritt tal-awtur  
u ma jistgħux jintużaw għal għanijiet oħra minbarra din il-pubblikazzjoni,  
jekk mhux bil-permess espress tas-sidien tad-dritt tal-awtur.

Avviż importanti:

Dan id-dokument huwa ppreżentat għal finijiet ta' informazzjoni biss. *Niproteġu s-Saħħa fl-Ewropa: Il-Viżjoni Tagħna għall-Futur* jiġbor fil-qosor il-punti ewlenin tal-*Programm Strateġiku Multiannwali għall-2007-2013* tal-ECDC b'tali mod li jinftiehem faċilment mill-udjenza ġenerali. Filwaqt li ppruvajna nirriflettu l-ispirtu tad-dokument oriġinali, ċerti sfumaturi importanti setgħu ntilfu meta kien qed jinkiteb is-sommarju tiegħu. Il-qarrejja li jixtiequ jiksbu dikjarazzjoni awtoritattiva dwar l-istrateġija u l-miri tal-ECDC, għandhom jikkonsultaw it-test sħiħ tal-*Programm Strateġiku Multiannwali għall-2007-2013*. Dan huwa disponibbli onlajn fuq: [www.ecdc.europa.eu](http://www.ecdc.europa.eu)

# Nipproteġu s-Saħħa fl-Ewropa: Il-Viżjoni Tagħna għall-Futur

Il-miri u l-istrateġiji tal-ECDC 2007-2013

## Kontenut

Prejambolu – L-Azzjoni ta’ l-UE kontra mard infettiv.....	3
Introduzzjoni .....	4
Theddidiet ta’ mard infettiv .....	5
Fatturi li jiffurmaw ir-riskju ta’ mard infettiv fl-UE llum.....	6
Miri u Azzjonijiet- Il-Pjan Strateġiku tal-ECDC 2007-2013 .....	8
Grupp 1: Il-ħolqien tal-għarfien.....	10
Grupp 2: It-tisħiħ tal-funzjonijiet tas-saħħa pubblika.....	12
Grupp 3: L-iżvilupp u ż-żamma ta’ sħubiji .....	15
Konklużjoni .....	16



*Il-viżjoni tagħna hija ta' Unjoni Ewropea fejn iċ-ċittadini  
kolla jgawdu l-aqwa tħaris minn mard li jittieħed li  
jippermettu l-aħħar miżuri ta' prevenzjoni w kontroll.*

*Zsuzsanna Jakab, Direttur tal-ECDC*



## Prejambolu – L-Azzjoni ta' l-UE kontra mard infettiv

Id-dinja qatt ma kienet interkonnessa daqs kemm hija llum. Miljuni ta' nies u tunnellati ta' ikel jaqsmu l-fruntieri kuljum. F'lejl medju f'lukanda ewlenija f'belt Ewropea tista' ssib mistednin minn tnax-il pajjiż jew iktar. Kif wera s-SARS fl-2003, tfaqqiġh ta' mard infettiv jista' jinfirex fuq livell internazzjonali b'ħeffa li qatt ma rajna qabel.

L-aħbar it-tajba hija li fis-seklu 21 l-għodda disponibbli għall-identifikazzjoni u l-prevenzjoni ta' tfaqqiġh tal-mard hija aqwa minn qatt qabel fl-istorja. L-isfida hija li nkunu ċerti li nużaw din l-għodda b'mod effettiv. Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) twaqqaf fl-2005 biex jgħin lill-Unjoni Ewropea (UE) u lill-Istati Membri tagħha biex jilħqu din l-isfida. Il-mandat tagħna huwa li naħdmu mal-awtoritajiet nazzjonali tas-saħħa u fuq livell ta' UE biex niffaċilitaw il-kooperazzjoni, u sabiex infornu l-bażi tal-evidenza meħtieġa għal azzjoni effettiva.

Iżda l-ammont ta' mard infettiv li jista' jkun ta' theddida għas-saħħa tal-bniedem fl-UE huwa kbir. Ir-riżorsi tal-ECDC huma limitati, u għalhekk jeħtieġ isiru għażliet dwar x'għandhom ikunu l-prijoritajiet tagħna. Liema huma l-azzjonijiet ewlenin li nistgħu nieħdu fuq livell ta' UE li jagħmlu verament differenza biex jiproteġu s-saħħa tal-bniedem? Liema huwa l-mard li dwaru għandna nkunu l-aktar ikkonċernati?

Fl-2007 il-Bord ta' l-Immaniġjar tagħna approva *Programm Strateġiku Multiannwali* għall-ECDC li pprova jwieġeb dawn il-mistoqsijiet. Il-Programm kien ibbażat fuq analiżi dwar it-theddid ta' mard infettivi prinċipali li l-Ewropa qed tiffaċċja bħalissa, u identifika oqsma fejn l-ECDC jista' tabilħaqq jipprovdi valur miżjud rejali għall-attivitajiet eżistenti nazzjonali u tal-UE. Dan il-

Programm ifornina b'*road map* għall-ħidma tagħna sal-2013.

*Niproteġu s-Saħħa fl-Ewropa: Il-Viżjoni Tagħna għall-Futur* jiġbor fil-qosor il-punti ewlenin tal-*Programm Strateġiku Multiannwali għall-2007-2013 tal-ECDC* b'tali mod li jinftiehem faċilment mill-udjenza ġenerali. Nittama li ssibuh interessanti u informattiv.

Zsuzsanna Jakab  
Direttur tal-ECDC



*It-Tomtebodava – il-baġi tal-ECDC*

## Introduzzjoni

Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) twaqqaf fl-2005 biex jiproteġi s-saħħa taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea (UE) minn mard infettiv. Dan iservi bħala ċentru ta' informazzjoni, għarfien u azzjoni biex jappoġġja u jsaħħaħ l-istituzzjonijiet u l-pajjiżi kollha tal-UE fil-ħidma tagħhom biex jidentifikaw, jevitaw u jikkontrollaw mard infettiv.

Sabiex jagħmel dan l-ECDC adotta metodu flessibbli bbażat fuq miri għall-perjodu 2007–2013. Dan il-metodu, li huwa deskritt fil-qosor f'dan id-dokument, jippermetti lill-ECDC sabiex jiffoka l-attivitajiet tiegħu b'mod effettiv, kif ukoll biex ikejjel l-effikaċja tagħhom. Dan jippermetti wkoll lill-ECDC biex jadatta l-ħidma tiegħu sabiex jilħaq sfidi ġodda hekk kif dawn jibdeu jżviluppaw filwaqt li jikkunsidra għarfien u metodi xjentifiċi ġodda.

L-ECDC jagħti attenzjoni għall-iżviluppi potenzjalment perikolużi ta' mard infettiv fid-dinja kollha, u japplika kwalunkwe riżorsa meħtieġa għal dan. Madankollu, bħala aġenzija ġdida, l-ECDC qegħda tibni l-funzjonijiet

u l-attivitajiet tagħha stess fl-UE qabel ma din tiegħu rwol regolari aktar attiv barra l-UE, fuq livell globali. Għal din ir-raġuni, il-ħidma tal-ECDC sal-2010 qed tikkonċentra fuq is-27 pajjiż tal-UE flimkien mat-tliet pajjiżi l-oħra taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE).<sup>1</sup>

L-ECDC qiegħed isaħħaħ l-išħubiji tiegħu mal-Istati Membri kollha tal-UE u mal-pajjiżi taż-ŻEE billi jagħmel rabtiet formali u informali ma' aġenziji oħra, bħall-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. Dan jippermetti lill-imsieħba kollha biex jibdli bejniethom għarfien, esperjenza u riżorsi xjentifiċi.

Dan id-dokument jiġbor fil-qosor l-elementi ewlenin tal-pjan strateġiku fuq perjodu twil tal-ECDC (2007–2013). L-ewwel, dan iħares lejn it-theddiediet ta' mard infettiv fl-Ewropa fl-imġhoddi u llum. It-tieni, dan iħares lejn fatturi li jiddeterminaw kemm iċ-ċittadini tal-UE huma vulnerabbli għall-mard infettiv (dawn jissejġu 'determinanti'). It-tielet, dan jippreżenta s-seba' oqsma ta' ħidma ta' prijorià tal-ECDC (il-miri) u l-azzjonijiet li l-ECDC beħsiebu jieħu sabiex jilħaq dawn il-miri.<sup>2</sup>

1. L-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja.

2. L-ECDC ippubblika l-ewwel Programm Strateġiku Multiannwali tiegħu, għall-perjodu 2007–2013, fl-2007. Id-dokument sħiħ huwa disponibbli fuq [www.ecdc.europa.eu](http://www.ecdc.europa.eu)



## Theddidiet ta' mard infettiv

Matul iż-żmenijiet il-mard infettiv kellu impatt kbir fuq is-saħħa tal-bniedem. Il-*Pesta s-Sewda* fl-1348, pereżempju, x'aktarx li kkawżat il-mewt ta' kważi 50 miljun ruħ fl-Ewropa, 30% sa 60% tal-popolazzjoni sħiħa tal-Ewropa f'dak iż-żmien.

Is-seklu 20 ra titjib kbir fit-trattament u fil-prevenzjoni ta' mard infettiv, bħall-antibijotiċi u l-vaċċini. It-titjib fil-vaċċini naqqas drastikament, jew wassal għall-eradikazzjoni, ta' ċertu mard (pereżempju l-infezzjonijiet fit-tfal, il-poljo, il-ġidri). Il-progress fl-iġjene pubblika u personali fl-UE u fil-pajjiżi taż-ŻEE wassal biex mard bħall-kolera, it-tifojde, u l-infezzjonijiet fil-ħlas ta' trabi jsiru prattikament xi ħaġa tal-imgħoddi.

Iżda dawn il-benefiċċji ma kinux mifruxa b'mod ugwali fil-pajjiżi kollha — u f'ċerti pajjiżi għad hemm gruppi żgħar ta' nies li għadhom ma bbenefikawx minn dan it-titjib. U theddidiet ġodda qed jiżviluppaw il-ħin kollu. L-istili tal-ħajja li qed jinbidlu (pereżempju aktar vjaġġar

mad-dinja, l-ikel tal-massa, is-suq globali tal-ikel, l-użu żejjed tal-antibijotiċi, l-imġiba sesswali li qed tinbidel) u l-bidla fl-ambjent qed jheddu ħafna mit-titjib fis-saħħa li nkiseb s'issa.



## Fatturi li jiffurmaw ir-riskju ta' mard infettiv fl-UE llum

### Id-determinanti

Hemm firxa wiesgħa ta' mard infettiv li qed jhedded liċ-ċittadini tal-UE.<sup>3</sup> Ir-riskju li wieħed jieħu dan il-mard huwa kkawżat minn medda ta' fatturi li jissejġu 'determinanti'. Uħud minn dawn id-determinanti ta' mard infettiv huma elenkati fil-kaxxa t'hawn taħt.

Li wieħed jifhem id-determinanti ta' marda huwa essenzjali sabiex isir jaf x'inhu l-aħjar mod sabiex tevitata u tikkontrollaha.

### Il-Koordinazzjoni

L-UE għandha ħafna istituzzjonijiet u pajjiżi differenti li jeħtieġu jkunu involuti fil-ġlieda tagħhom kontra mard infettiv. Kull Stat Membru għandu s-servizz tas-saħħa tiegħu, u dawn huma kollha organizzati b'mod differenti. Waħda mill-akbar sfidi tal-ECDC hija li tibni l-kapaċitajiet tal-istituzzjonijiet u tal-Istati Membri

kollha tal-UE sabiex jaħdmu flimkien. L-istess jgħodd għal setturi u organizzazzjonijiet pubbliċi differenti: pereżempju, it-tfaqqiġ tal-influenza avjarja wera kemm huwa imporanti li l-organizzazzjonijiet tal-agrikoltura, tas-saħħa, tal-annimali selvaġġi u tas-sikurezza fl-ikel jaħdmu aktar flimkien.

### Il-Prevenzjoni

Sfida oħra hija li hekk kif ċertu mard isir inqas ta' theddida, il-bnedmin ma jibqgħux jaraw il-ħtieġa li jissuktaw bil-ħidma ta' prevenzjoni. Dan kien il-każ, pereżempju, b'ċertu każijiet ta' mard infettiv fit-tfal, bħall-ħożba u l-gattone. Hekk kif iktar persuni jiddeċiedu li t-tfal tagħhom ma jiġux imlaqqma kontra dan il-mard, dan il-mard jerġa' jirritorna. Ħafna mill-mard li huwa f'riskju li jkun introdott mill-ġdid b'dan il-mod huwa ta' dannu kbir għat-tfal kif ukoll għaż-żgħażgħ.



## Uħud mid-Determinanti għall-Mard Infettiv fl-Ewropa

**Popolazzjonijiet li qed jinbidlu:** il-proporzjon ta' persuni anzjani, li jistgħu ma jkunux kapaċi jiġġieldu sew dan il-mard, qed jiżdied; barra minn hekk qed ikun hemm ukoll migrazzjoni kif ukoll vjaġġar internazzjonali sin-jifikanti, li dawn ifornu opportunitajiet għall-firxa ta' mard infettiv; u aktar urbanizzazzjoni qed twassal għal żoni interni ta' bliet li jkunu ifqar, aktar iffollar u b'riskji ogħla ta' mard infettiv.

**Kondizzjonijiet soċjali:** nies fqar, persuni bla xogħol, u persuni li m'għandhomx akkommodazzjoni xierqa huma f'riskju ogħla għal ċertu mard. L-inugwaljanza soċjali tista' tiżdied fil-futur, li jfisser aktar gruppi li jkunu f'riskju ogħla għal ċertu mard infettiv.

**Stili ta' ħajja:** aktar turiżmu u vjaġġar ta' negozju jżidu r-riskju ta' mard li jiġi importat; 'sess mhux sikur' huwa fattur ta' riskju kbir għall-infezzjonijiet trazzmessi

sesswalmwent (STIs) u l-HIV, li qed jiżdiedu b'rittmu mgħaġġel f'ċerti partijiet tal-Ewropa; l-abbuż mid-droga huwa fattur ta' riskju kbir għall-epatite, l-HIV, l-STIs u infezzjonijiet settiċi; u l-bidliet fl-imġiba tal-konsumatur qed iwasslu għal aktar infezzjonijiet relatati mal-ikel.

**L-ambjent fiżiku, it-teknoloġija u l-kummerċ:** il-bidliet ambjentali, ekoloġiċi u klimatiċi (li jistgħu jaffettwaw ċertu mard infettiv) qed iħaffu l-pass għat-tiżhin globali; it-titjib fit-teknoloġija wassal għat-tnaqqis ta' ċertu mard (pereżempju l-kolera), iżda wassal għal żieda f'oħrajn (pereżempju il-mard tal-leġġunarji); metodi moderni ta' produzzjoni tal-ikel u s-suq tal-ikel globali jistgħu jwasslu għal tfaqqiġ kbir ta' mard li ġej mill-ikel li jkun ferm diffiċli biex tikkontrollah, peress li l-ikel qed jiġi ttrasportat madwar id-dinja kollha u kultant jinħażen għal perjodu twil.

## Skoperti ġodda

L-għarfien mediku ġdid żvela li ċerti kundizzjonijiet mediċi (pereżempju l-kanċer, l-ulċeri) ikunu ġejjin minn mard infettiv. Pereżempju, illum huwa maħsub li madwar 20-25% tal-każijiet kollha tal-kanċer jistgħu joriġinaw minn każijiet ta' infezzjoni. Dan ifisser kemm hu importanti li l-professjonisti tas-saħħa minn dixxiplini differenti jaħdmu ferm aktar flimkien mill-qrib.

## L-Ekonomija

Il-mard infettiv għandu impatt ekonomiku kbir fuq il-pajjiżi tal-UE. Għalkemm s'issa ma sar l-ebda studju

dwar l-ispejjeż sħaħ li jinġarru mill-UE kollha minħabba każijiet ta' mard infettiv, saru studji fuq pajjiżi individwali. Pereżempju, it-trattament ta' mard infettiv fl-Ingilterra jiswa lis-Servizz tas-Saħħa Nazzjonali tar-Renju Unit madwar £6 biljun fis-sena; it-tfaqqiġ tas-SARS fl-2003 sewa liċ-Ċina u lill-Kanada madwar 1% tal-Prodotti Gross Nazzjonali tagħhom; il-BSE fir-Renju Unit fl-1995 laħqet l-ispiża ta' madwar EUR 6 biljun. Għalkemm hija meħtieġa aktar evidenza dwar l-impatti ekonomiċi tal-mard infettiv, jidher ċar li dawn huma kbar ħafna.



Laqgħa tal-Management Board fil-ECDC

## Miri u Azzjonijiet- Il-Pjan Strateġiku tal-ECDC 2007-2013<sup>4</sup>

Il-pjan strateġiku għal perjodu twil tal-ECDC ġie żviluppat biex tingħata attenzjoni għall-ħidma kollha li dan irid iwettaq. Għal kull sena, il-pjani ta' ħidma annwali jiġu bbażati fuq u allinjati ma' miri fuq perjodu twil. Il-kontenut tal-pjan jiffassal biex jirrifletti l-finanzi li l-ECDC x'aktarx ikollu għad-dispożizzjoni tiegħu. Il-pjan jinqasam f'żewġ perjodi:

Fl-ewwel perjodu, 2007–2009, l-ECDC jiffoka fuq l-iżvilupp tal-funzjonijiet u l-attivitatijiet bażiċi tiegħu stess, u jstabbilixxi relazzjonijiet b'saħħithom mal-UE u mal-Istati Membri, kif ukoll ma' msieħba oħra (pereżempju il-WHO). Dan qed jaħdem ukoll sabieħ jiżviluppa l-funzjonijiet tas-saħħa pubblika fl-UE u fl-Istati Membri (pereżempju s-sorveljanza, it-taħriġ ta' professjonisti tas-saħħa, għarfien dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' mard infettiv). L-ECDC qed jaħdem ukoll

biex jiżviluppa 'għodod' bażiċi għall-ħidma xjentifika, bħalma huma *databases*, *networks* u metodi xjentifiċi. Il-mard ta' prijorità f'dan il-perjodu ta' ħidma huma l-influenza, l-HIV u l-AIDS, it-tuberkolożi, mard li l-vaċċini jistgħu jevitaw (speċjalment il-ħożba u mard ieħor 'tat-tfal'<sup>5</sup>), kif ukoll infezzjonijiet fi sptarjiet u kliniċi.

Fit-tieni perjodu, 2010–2013, l-ECDC jestendi l-attenzjoni tiegħu fuq il-ġlieda kontra mard speċifiku. Dan se jinkludi l-iżvilupp ta' *database* ta' evidenza għall-iktar metodi effettivi dwar kif jista' jiġi evitat u kkontrollat ċertu mard; li janalizza d-'determinanti' tagħhom; u jipprova jara x'jistgħu jkunu l-impatti tagħhom (t'issa u tal-futur). Il-prijoritajiet f'dan it-tieni perjodu jistgħu jeħtieġu jiġu aġġustati, jekk l-esperjenza tal-ECDC fl-ewwel perjodu turi li dan ikun meħtieġ.

4. Dan l-ewwel Programm Strateġiku Multiannwali jkopri l-perjodu 2007–2013. Dan huwa kompatibbli mat-Tieni Programm ta' Azzjoni Komunitarja tal-UE fil-Qasam tas-Saħħa (2007–2013). Dan huwa konsistenti wkoll mal-politika u mal-prijoritajiet preżenti tal-UE dwar is-saħħa pubblika.

5. Il-pajjiċi Ewropej kollha għandhom il-politiki tagħhom dwar it-tilqim tat-tfal kontra mard infettiv bħall-ħożba, il-gattone, ir-rubella, id-difterite, is-sogħla konvulżiva, eċċ. Huwa imporanti li wieħed jinnota, madankollu, li l-adulti wkoll jistgħu jieħdu dan il-mard, b'mod partikolari jekk dawn ma jkunux tlaqqmu kontrihom meta kienu żgħar.



*Esperti tal-ECDC fuq xogħol barra*

## Il-Metodu 'Immirat' tal-ECDC

Il-ħidma fil-Programm Strateġiku Multiannwali għet maqsuma f'seba' oqsma ta' mira. Ma' kull mira hemm ukoll diversi azzjonijiet marbutin magħha li l-ECDC beħsiebu jwettaq biex jilħaq dik il-mira.

L-ECDC għażel li juża dan il-metodu, li jimpjega miri flessibbli b'riżultati speċifikati, għal diversi raġunijiet.

Il-miri li jispeċifikaw:

- Jagħmilha eħfef biex tara x'inhu jipprova jagħmel l-ECDC u kif dawn beħsiebhom jilħquha.
- Jippermetti li jiġu mkejla r-riżultati, għalhekk ikun faċli li tara jekk il-mira intlaħqitx jew le.
- Jagħti lill-ECDC u lill-persuni li jaħdmu miegħu pjan ċar li juri fid-dettal x'irid isir.

- Iġiegħel lill-persuni responsabbli biex jintlaħqu dawn, jaħsbu aktar dwar metodi differenti biex jintlaħqu dawn l-aspettattivi.
- Itejjeb il-ħsieb xjentifiku billi jħeġġeġ persuni biex janalizzaw fejn ninstabu bħalissa, x'irru niksbu, u kif nistgħu naslu hemmhekk.
- Jista' jiġi adattat waqt li l-xogħol ikun għadu għaddej, u waqt li jitjiebu l-evidenza u l-għarfien xjentifiku.

Il-miri u l-attivitajiet huma disponibbli fuq il-websajt tal-ECDC bl-Ingliż biss. Din li ġejja hija deskrizzjoni ġenerali fil-qosor dwar kull mira, u r-raġunijiet għaliex intgħażlet. Din id-deskrizzjoni ġenerali tagħti ħarsa wkoll lejn uħud mill-iktar azzjonijiet importanti li l-ECDC qed iwettaq sabiex jilħaq il-mira.

L-oqsma fil-mira jinqasmu fi tliet gruppi, li jirriflettu l-ħidma ewlenija tal-ECDC relatata mal-ħolqien tal-għarfien, it-tiżni tal-funzjonijiet tas-saħħa pubblika, u l-iżvilupp ta' sħubiji.

## Grupp 1

### Il-ħolqien tal-għarfien

Hemm mira waħda biss f'dan il-grupp.

**Il-Mira 1 tiffoka fuq it-twessiegħ tal-għarfien** biex jiġu evitati u kkontrollati iktar minn 55 tip ta' mard infettiv (ara l-kaxxa 2) li l-ECDC qed jissorvelja b'mod attiv. Dan il-mard jinqasam fi gruppi, ibbażati fuq id-determinanti tal-mard. Bħalissa dawn il-gruppi jinkludu:

- Infezzjonijiet trażmessi sesswalment (STIs), inklużi l-HIV/AIDS u vajrus li jinxtered fid-demm (bħall-epatite);
- Infezzjonijiet akuti fl-apparat respiratorju;
- Mard li jiġi mill-ikel u mill-ilma u ż-żoonożi;
- Mard li qed ifaqqqa' u mard trażmess mill-insetti;
- Mard li jiġi evitat b'vaċċin; u
- Infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa u reżistenzi antimikrobiċi.

Din il-mira tidentifika erba' oqsma ta' azzjoni u tid-dikjara li sal-2013, l-ECDC se jkun żied sew l-għarfien xjentifiku tiegħu dwar kull qasam.

L-ewwel qasam ta' azzjoni jiffoka fuq li jiżdied l-għarfien relatat mal-impatt sanitarju, ekonomiku u soċjetarju ta' dan il-mard infettiv fuq il-bnedmin u s-soċjetajiet umani. Jeżisti vojt kbir fl-affidabbiltà u fil-kompletezza tad-dejta eżistenti rigward dan il-qasam. Sabiex jiġu ppjanati u prijoritizzati l-azzjonijiet, irid l-ewwel indirizzat dan il-vojt. Pereżempju, f'tit li xejn nafu dwar l-impatt ekonomiku tal-mard infettiv u dwar l-impatti tagħhom li jvarjaw f'żoni ġeografiċi u fost gruppi ta' popolazzjonijiet differenti.

It-tieni qasam ikopri l-fehma xjentifika dwar id-'determinanti' ta' mard individwali. Hemm diversi fatturi li qed jaffettwaw it-tfaqqiġ u l-firxa ta' mard differenti u kemm dawn ikunu infettivi (jiġifieri determinanti). Fatturi bijoloġiċi jinkludu l-aġent tal-marda, ir-reżistenza antibijotika, il-ġenetika, l-età, ir-rotta tal-firxa (fl-arja, fl-ikel, fl-ilma, insetti, eċċ.). Dawn il-fatturi, imbagħad, jiġu affettwati minn fatturi soċjali, ekonomiċi u ambjentali oħra, bħall-kwalità tal-akkommodazzjoni, l-ilma, l-arja, l-ikel, l-ivvjaġġar, l-aċċess għas-servizzi tal-kura tas-saħħa, u l-klima globali u l-bidliet ambjentali. Jeħtieġ insiru nafu iżjed dwar liema minn dawn id-determinanti huwa l-aktar importanti u kif dawn jirreaġixxu. Dan l-għarfien jgħin sabiex jiġu identifikati l-aħjar metodi biex jitnaqqsu l-effetti ta' kull determinant.

It-tielet qasam ikopri l-evidenza xjentifika għall-aħjar metodi sabiex jiġi evitat u kkontrollat mard infettiv individwali. Jeżistu diversi metodi ta' prevenzjoni u kontroll, iżda uħud minn dawn jaħdmu aħjar minn oħrajn, jew inkella huma ta' valur aħjar għall-flus. Jeħtieġ isiru studji biex jinstab liema metodi jiffunzjonaw, u għaliex, u kemm dawn jiswew. Hemm ukoll ħtieġa kbira sabiex jiġu identifikati metodi oħra ta' prevenzjoni u kontroll li jkunu aħjar.

Ir-raba' qasam ikopri f'li l-Istati Membri jiġu megħjuna fil-ġlieda tagħhom kontra l-mard infettiv. L-ECDC jagħmel dan billi jgħin lill-pajjiżi jaqsmu bejniethom l-għarfien u l-esperjenza xjentifika. L-ECDC ifassal ukoll sett ta' *standards* li l-Istati Membri jistgħu jużaw biex itejbu l-kwalità tal-ħidma tagħhom fir-rigward ta' mard infettiv. L-ECDC jiffaċilita l-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE.



Tilqim kontra l-influwenza ta' kull staġun

## Mard kopert bil-ħidma xjentifika tal-ECDC

### Infezzjonijiet fl-apparat respiratorju

L-influwenza, it-TB, il-legjonelloži.

### STIs, inklużi l-HIV u vajrus li jinxtered fid-demm

Il-klamidja, infezzjonijiet tal-gonokokkus, l-epatite B, l-epatite C, l-HIV u s-sifili.

### Mard li jiġi mill-ikel u mill-ilma u ż-żoonożi

Il-kampilobatterjożi, il-kriptosporidjoži, infezzjoni bl-EHEC, infezzjoni bin-norovirus, is-salmonellożi, l-epatite A u E, il-listerjożi, il-botuliżmu, il-bruċellożi, il-marda ta' Creutzfeldt-Jakob u TSE oħrajn, ix-xiġelloži, it-tossoplażmoži, it-trikonoži u l-jersinoži, l-antraċe, il-kolera, it-tularemija, l-ekinokokkoži, il-ġardjaži, il-leptospirożi.

### Mard li qed ifaqqa' u mard trażmess mill insetti

Il-malarja, id-deni Q, il-chikungunya, il-ħanta, id-dengue, id-deni isfar, id-deni tal-Punent tan-Nil, il-borreljożi, it-TBE, il-pesta, is-SARS, il-ġidri, it-tipi ta' deni virali emorraġiku, mard li qed ifaqqa'/ieħor ta' kawża mhux magħrufa.

### Mard li jiġi evitat b'vaċċin

Haemophilus tal-influwenza tat-tip B, il-ħożba, il-marda tal-meningokokkus, il-gattone, il-pertussi, ir-rubella, infezzjonijiet pnevmokoċċi (invażivi), id-difterite, it-tetanu, il-poljomjelite, ir-rabbja, infezzjoni mir-rotavirus, il-variċella, il-vajrus tal-papilloma uman ġenitali (HPV).

### Infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa u reżistenzi antimikrobiċi

L-infezzjonijiet nosokomjali, patoġeni reżistenti għal sustanzi antimikrobiċi.

### It-tishiġ tal-funzjonijiet tas-saħħa pubblika

It-tieni grupp ta' miri għandu l-għan li jiżviluppa l-funzjonijiet tas-saħħa pubblika—li jiġu stabbiliti funzjonijiet u prattiki ta' ħidma ġodda fejn meħtieġ, li jiġu kollegati l-funzjonijiet u l-istituzzjonijiet eżistenti, u li jiġu stabbiliti networks. Dan ix-xogħol se jieħu prijorità fl-ewwel perjodu tal-Programm, peress li servizzi tas-saħħa pubblika b'saħħithom huma essenzjali għal azzjonijiet oħrajn. Is-servizzi tas-saħħa pubblika u funzjonijiet b'saħħithom huma importanti ferm, pereżempju, għas-suċċess tal-ħidma stabbilita fil-Mira 1, li tittratta mard infettiv individwali.

F'dan il-grupp hemm sitt miri, li jkopru s-sorveljanza, is-sostenn xjentifiku, il-preparazzjoni għal u kif jiġu ttrattati każijiet ta' tfaqqiġ ta' mard infettiv, it-taħriġ, u l-komunikazzjoni dwar mard infettiv.

**Il-Mira 2 hija kkonċernata mas-sorveljanza** — dan huwa l-proċess ta' kif ikun traċċat il-mard infettiv fl-Ewropa, u fid-dinja, biex l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri jkunu jistgħu jieħdu azzjoni effettiva biex jiproteġu liċ-ċittadini tagħhom. Din tikkunsidra x-xejriet tal-mard li qed jinbidlu, it-tfaqqiġ ta' mard, il-bidliet fil-mard eżistenti, eċċ.

Bħalissa hemm diversi istituzzjonijiet u pajjiżi li qed jagħmlu ħidmiet ta' sorveljanza fl-Ewropa. Kull wieħed żviluppa l-metodu tiegħu dwar kif għandu jagħmel l-affarijiet tiegħu u kif jiġbor informazzjoni differenti (dejta), kulħadd b'mod differenti. U mhux id-dejta kollha li tinġabar tkun tal-istess kwalità. Dan jagħmilha diffiċli sabiex id-dejta kollha tinġabar flimkien biex tforni stampa kbira waħda ta' x'inhu jiġri. Fis-snin li ġejjin

l-ECDC se jkun responsabbli għas-sorveljanza tal-mard infettiv kollu li jeżisti fl-UE. Dan għandu l-għan li jiżgura li n-networks, id-*databases* u l-metodi ta' ħidma differenti kollha jkunu jistgħu jiġu organizzati u kkoordinati sabiex id-dejta li tiġi prodotta tkun korretta u utli. Flimkien mal-Kummissjoni Ewropea, l-ECDC qed jikkoordina proċess bl-għan li jipprijoritizza l-mard ħalli jżomm kont ta' din il-lista u jiżgura li din tiġi riveduta b'mod regolari. Qed tingħata attenzjoni speċjali sabiex jiġi żgurat li s-sinjali ta' twissija bikrija minn xi epidemija jew marda ġdida (jew ta' bidliet fl-imġiba tal-mard) ma jonqsux. Fl-aħħar nett, l-ECDC qed jiżgura wkoll li l-persuni u l-istituzzjonijiet ikollhom għad-dispożizzjoni tagħhom l-informazzjoni kollha meħtieġa, fiż-żmien opportun, bid-dettalji kollha.

**Il-Mira 3 tkopri x-xjenza u l-previżjoni**, l-antiċipazzjoni ta' theddidiet futuri minn mard infettiv, eċċ. Filwaqt li bħalissa fl-UE hemm għaddejja ħafna riċerka xjentifika u xogħol ieħor, din hija mifruxa f'istituzzjonijiet u Stati Membri differenti. L-ECDC jagħmilha aktar faċli għal dawn sabiex jiskambjaw u jikkoordinaw bejniethom il-ħidma u l-informazzjoni tagħhom. S'issa sar ħafna xogħol f'laboratorji, fejn ġew analizzati l-kawżi ta' mard infettiv, kif dan inxtered, kif jista' jiġi ttrattat, eċċ. L-ECDC għandu l-għan li jstimola aktar xogħol ta' riċerka barra l-laboratorju, li jħares lejn l-aħjar metodi dwar kif il-mard infettiv jista' jiġi evitat u kkontrollat. Barra minn hekk, ir-riżultati ta' dan ix-xogħol iridu jkunu disponibbli għall-Istati Membri u għall-istituzzjonijiet kollha tal-UE li jeħtiġuhom. Sabiex dan ikun possibbli, l-ECDC qed jaħdem biex itejjeb il-metodi tar-riċerka u l-evidenza xjentifika, u biex ikun ta' sostenn akbar



Familja bit-tarbija fiċ-ċentru tat-tilqim tat-tfal, wara t-tilqima

għal-laboratorji tas-saħħa pubblika fl-Ewropa. L-ECDC iservi bħala ċentru ta' għarfien, riċerka u parir xjentifiku. Dan jistabbilixxi wkoll studji f'oqsma fejn hemm ħtieġa ta' aktar informazzjoni u jipubblika linji gwida għar-riċerka xjentifika.

**Il-Mira 4 tkopri t-theddiet ta' mard infettiv** — L-identifikazzjoni tagħhom, il-preparazzjoni għal tifiqigħ possibbli ta' mard infettiv, u l-protezzjoni taċ-ċittadini tal-UE minn dawn. Din tkopri l-investigazzjoni u l-kontroll ta' tfaqqigħ ta' mard infettiv li jista' jaffettwa lil diversi pajjiżi tal-UE. Qed tingħata attenzjoni speċjali għall-identifikazzjoni u l-verifika ta' sinjali ta' twissija minn kmieni li joriġinaw f'kull parti tad-dinja u li jistgħu jindikaw il-bidu ta' epidemija jew marda infettiva ġdida, simili għas-SARS fl-2003 jew il-vajrus tal-influenza li jista' jikkawża pandemija sħiħa.

Hemm ħafna istituzzjonijiet differenti tal-UE u istituzzjonijiet tas-saħħa pubblika fl-Istati Membri li huma involuti fil-ġlieda kontra mard infettiv, u dawn kollha jaħdmu b'modi differenti. L-ECDC jikkontribwixxi għall-koordinazzjoni ta' dawn l-istituzzjonijiet differenti kollha, biex l-identifikazzjoni ta' u r-reazzjoni għal dan it-tfaqqigħ ta' mard infettiv ikunu aktar sistematiċi u effiċjenti. Qed jiġu introdotti metodi ġodda ta'

tagħlim dwar it-tfaqqigħ ta' mard, bħalma huma l-internet u t-teknoloġija tal-informatika ta' livell għoli. L-ECDC stabbilixxa sistema effiċjenti ta' twissija u qed jappoġġja lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri fil-mod kif jidentifikaw it-tfaqqigħ ta' mard.

L-ECDC jagħti parir u jgħin lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE kif jittrattaw kwalunkwe tfaqqigħ ta' mard infettiv, u biex dawn jagħmlu pjani għal tfaqqigħ ieħor possibbli fil-futur. Dan jimmobilizza timijiet ta' esperti li jintbagħtu fuq il-post biex ikunu ta' sostenn f'attivitajiet ta' investigazzjoni u kontroll mhux biss fl-UE, iżda wkoll fuq livell internazzjonali meta ssir talba għal dan.

**Il-Mira 5 tkopri t-taħriġ.** L-Istati Membri għandhom stejjer differenti, kif ukoll metodi differenti li jikkonċernaw il-prevenzjoni u l-kontroll ta' mard infettiv, u t-tfaqqigħ ta' mard. Theddiet ġodda ta' mard infettiv, madankollu, żvelaw il-ħtieġa għal azzjoni aktar koordinata. It-taħriġ joffri l-opportunità sabiex persuni jiskambjaw bejniethom l-esperjenzi tagħhom, u biex persuni minn istituzzjonijiet u servizzi pubbliċi differenti jkunu jistgħu jikkollmu ma' xulxin u jfittxu xi rwol kull wieħed minnhom għandu fil-ġlieda kontra mard infettiv.

L-ECDC qed jikkoordina l-Programm Ewropew ta' Taħriġ għall-Epidemjoloġija Intervenzjonali (EPIET). Bħalissa, ta' kull sena qed ikun hemm minn 16 sa 20 imsieħeb f'dan il-programm ta' sentejn, b'kull wieħed jiġi assenjat f'istitut nazzjonali tas-sorveljanza tas-saħħa pubblika ta' Stat Membru ieħor. Matul dan il-perjodu ta' sentejn, dawn jingħataw taħriġ minn epidemjoloġista anzjan



Stand tal-informazzjoni dwar l-ECDC

filwaqt li jipprattikaw l-epidemjoloġija f'sitwazzjonijiet reali, fejn b'hekk jiksbu esperjenza utli ħafna.

Barra minn hekk, l-ECDC jgħin biex jiġu żviluppati programmi qosra ta' taħriġ biex jgħinu lill-pajjiżi tal-UE jsaħħu l-kapaċità tar-riżorsi umani tagħhom. Dan jinvolvi l-konnessjoni tal-istituzzjonijiet tat-taħriġ flimkien.

### **Il-Mira 6 tkopri l-komunikazzjoni dwar mard infettiv.**

Din il-mira tiddikjara li sal-2013, l-ECDC għandu jkun is-sors ewlieni ta' informazzjoni fuq livell Ewropew dwar mard infettiv. L-ECDC għandu jagħti wkoll sostenn lill-attivitatijiet ta' komunikazzjoni nazzjonali dwar is-saħħa u jsir ċentru ta' parir espert dwar il-prattika tajba fil-komunikazzjoni ta' riskju ta' emerġenza.

Hemm żewġ udjenzi fil-mira ewlenin għall-komunikazzjonijiet tal-ECDC: l-esperti tas-saħħa pubblika (inklużi esperti f'awtoritajiet nazzjonali u l-komunità aktar wiesgħa tas-saħħa pubblika), u l-pubbliku ġenerali (bil-midja taġixxi bħala wieħed mill-kanali ta' informazzjoni ewlenin għall-pubbliku). L-ECDC għandu jforni informazzjoni differenti għal kull waħda mill-udjenzi tiegħu billi juża l-iktar metodi xierqa u kanali ta' informazzjoni disponibbli lilu.

Għall-esperti tas-saħħa pubblika, l-ECDC jikkomunika l-informazzjoni tiegħu permezz ta' laqgħat u konferenzi xjentifiċi importanti. Fuq l-internet, dan jippubblika informazzjoni xjentifika dwar mard infettiv. Din tinkludi dejta dwar l-inċidenza ta' mard infettiv, folji ta' fatti, valutazzjonijiet tar-riskju, aħbarijiet dwar tfaqqigħ, u rapporti dwar punti li huma rilevanti għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard. L-ECDC jaġixxi bħala riżors ċentrali għall-informazzjoni u l-għarfien xjentifiku dwar mard infettiv. L-ECDC jagħmel ukoll konnessjonijiet ma' websajts nazzjonali u tal-UE għal skambju ta' informazzjoni aktar effiċjenti. Il-mira tal-ECDC hija li jagħmilha aktar faċli għall-esperti tas-saħħa pubblika biex jiksbu l-informazzjoni li jeħtieġu dwar kwalunkwe aspett relatat ma' mard infettiv.

Għall-pubbliku ġenerali u l-midja, l-ECDC jirrikonoxxi li dawn jeħtieġu informazzjoni affidabbli u preċiża. Meta jseħħ tfaqqigħ ta' marda, il-pubbliku u l-midja jkunu jeħtieġu din l-informazzjoni kemm jista' jkun malajr. L-awtoritajiet tas-saħħa jeħtieġu jġibu ruħhom b'mod miftuħ u onest lejn dawn l-udjenzi biex jirbħu l-fiducia tagħhom.

L-ECDC jista' jappoġġja l-attivitatijiet ta' komunikazzjoni dwar is-saħħa tal-Istati Membri billi jforni taħriġ speċjalizzat dwar temi bħalma huma l-komunikazzjoni waqt emerġenzi għas-saħħa. L-ECDC jista' jiżviluppa metodi biex jgħinu lill-Istati Membri kif jikkomunikaw suġġetti speċifiċi, u dan jista' jappoġġja wkoll kampanji konġunti. L-ECDC jgħin lill-Istati Membri jaqsmu l-informazzjoni mal-korpi tal-UE u ma' xulxin, filwaqt li jkattar l-iżvilupp ta' linji tal-midja konġunti fejn jixraq. Dan jista' wkoll jgħaqqad flimkien uffiċjali nazzjonali, ġurnalisti u edituri biex ikunu jistgħu jinqas bejniethom l-esperjenza u l-għarfien tagħhom.



## Grupp 3

### L-iżvilupp u ż-żamma ta' sħubiji

Dan il-grupp jinkludi mira waħda, **il-Mira 7, li tkopri l-kooperazzjoni u l-bini ta' sħubiji**. Ħafna mid-'determinanti' ta' mard infettiv huma relatati ma' oqsma oħrajn, bħall-aġenziji tal-akkomodazzjoni, tas-sikurezza fl-ikel, tal-agrikoltura, jew dawk ambjentali. Kulħadd irid jaħdem flimkien biex jiġu miġġielda t-tħeddidiet ta' mard infettiv. Ħadd ma jista' jagħmel dan waħdu. Għalkemm il-pajjiżi jista' jkollhom il-problemi partikolari tagħhom, jista' jkun hemm pajjiżi oħra bi problemi simili li ma' dawn jistgħu jaqsmu l-għarfien u l-esperjenza tagħhom. Hekk kif l-ECDC jibda jħares lejn il-mard infettiv b'mod globali, dan irid ukoll jaħdem ma' firxa aktar wiesgħa ta' istituzzjonijiet li wkoll qed joperaw fuq livell globali.



*Sħab tal-ECDC*



## Konklużjoni

Hekk kif qed jikbru t-theddiet minn mard infettiv, huwa antiċipat li dan il-Programm Strateġiku Multiannwali se jgħin lill-ECDC biex imexxi 'l quddiem lill-UE u lill-Istati Membri fil-ħidma tagħhom biex jiproteġu s-saħħa taċ-ċittadini. Il-Programm huwa flessibbli biżżejjed biex jilħaq l-isfidi li jista' jkun hemm fil-futur. Il-miri jagħmluha faċli biex jiġu ssorveljati l-progress u r-riżultati tal-ECDC, kif ukoll jiżgura li dak kollu li jeħtieġ isir jitwettaq fil-fatt. Wieħed jittama li dan il-Programm ikun ta' ispirazzjoni u jaġixxi bħala gwida pożittiva għall-impjegati u għall-imsieħba tal-ECDC fil-għieda tagħhom kontra l-mard infettiv.

Kif jiġu akkwistati l-pubblikazzjonijiet tal-UE

Pubblikazzjonijiet għall-bejgħ:

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- mill-ħanut tal-kotba tiegħek billi tikkwota t-titlu, il-pubblikatur u/jew in-numru tal-ISBN;
- billi tikkuntattja wieħed mill-aġenti tagħna direttament inkarigat mill-bejgħ. Tista' takkwista d-dettalji ta' kuntatt tagħhom permezz tal-link <http://bookshop.europa.eu>, jew billi tibgħat faks fin-numru +352 2929-42758.

Pubblikazzjonijiet mingħajr fhas:

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- mir-rappreżentanzi tal-Kummissjoni Ewropea jew mid-delegazzjonijiet. Tista' takkwista d-dettalji ta' kuntatt tagħhom permezz tal-link <http://ec.europa.eu>/ jew billi tibgħat faks fin-numru +352 2929-42758.

ISBN 978-92-9193-124-8



9 789291 931248



Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

TQ-81-08-456-MT-C

### **ECDC – European Centre for Disease Prevention and Control**

Indirizz taż-żjarat: Tomtebodavägen 11 A  
17183 Stockholm, Sweden

Tel: +46 8 5860 1000

Feks: +46 8 5860 1001

Sit elettroniku: <http://www.ecdc.europa.eu>

Indirizz elettroniku: [info@ecdc.europa.eu](mailto:info@ecdc.europa.eu)

Indirizz Postali:

ECDC – European Centre for Disease Prevention  
and Control

171 83 Stockholm, Sweden

Dan il-fuljett huwa disponibbli fil-lingwi li ġejjin:

Ċek, Daniż, Estonjan, Finlandiż, Franċiż, Ġermaniż, Grieg,  
Ingliż, Irlandiż, Iżlandiż, Latvjan, Litwan, Malti, Norveġiż,  
Olandiż, Pollakk, Portugiż, Slovakk, Sloven, Spanjol, Taljan,  
Ungeriż, Żvediż